8. The Performance Agreement will include a performance bonus and this entitlement will be subject to the same performance review procedure, criteria and other arrangements applicable to officers who are appointed to a Headship position in the Malta Public Service.

9. The selected public officer will, during the period of his/her detailing as Director General in the DES, be bound by the terms and conditions of service applicable to public officers holding a substantive appointment in the Malta Public Service.

10. On successful completion of two terms of three years as Director General in the DES, the selected officer will be appointed substantively 'Officer in Grade 3' in the Malta Public Service.

11. On termination of his/her performance agreement as Director General in the DES, the selected officer will retain his/her applicable substantive grade and will be assigned duties which will be, as far as possible, commensurate with his/her substantive grade.

12. Unsatisfactory performance during the period of the performance agreement will lead to the termination of the performance agreement and, if the officer is still in the probationary period of his substantive appointment, to the termination of the substantive appointment resulting from this call for applications.

13. The qualities being sought for in this position are those of a capable leader, with the vision, knowledge, competencies and wisdom to lead a team of qualified and experienced officers in further improving the local education system. The successful candidate needs to manifest drive, determination and strategic vision, and must be able to ensure that standards and quality are continuously raised in line with the National Curriculum Framework. The Director General in the DES needs to be a dynamic, motivated individual able to address strategic issues, with strong analytical, evaluative and negotiation skills needed to drive projects forward and

Partikolarment il-persuna għandha temmen u tkun impenjata li kull student individwali jkun qiegħed jieħu sehem bis-sħiħ f'esperjenza edukattiva, u għandu jkun kapaċi li jsostni u jtejjeb l-esperjenza ta' tagħlim ta' l-istudenti kollha skond il-potenzjal divers li jkollhom u t-talenti tagħhom. Il-kandidat magħżul tkun persuna li ma ssibx diffikultà biex tipprovdi soluzzjonijiet innovattivi u kreattivi hekk li tkun tista' tiffaċċa l-isfidi li jkollha quddiemha u li tkun ukoll timmotiva bidla effettiva u sistematika. Huwa obbligatorju li din il-persuna jkollha rieda qawwija għall-eċċellenza u livelli għoljin.

14. Sal-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ikunu ċittadini ta' xi Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li dwarhom ikunu japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' UE fuq il-moviment liberu ta' persuni (f'każ ta' diffikultà dwar il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin);

JEW

(iv) ikunu l-konjuġi u t-tfal, ukoll jekk dawn ikunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' xi persuna minn dawk imsemmija fil-paragrafi (i), (ii) u (iii) hawn qabel, sakemm dawn ikunu jistgħu jaħdmu f'Malta taħt leġislazzjoni korrenti. Dan għandu jiġi deċiż bil-parir tad-Direttur taċ-Ċittadinanza u Affarijiet dwar *Expatriates*, fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija fil-paragrafi (ii), (iii) u (iv) hawn qabel tkun teħtieġ il-ħruġ ta' liċenza ta' l-impiegi sakemm dan ikun meħtieġ taħt l-Att dwar l-Immigrazzjoni u liġijiet sussidjarji.

b) ikunu jaf jitkelmu bil-Malti u bl-Ingliż;

ċ) ikollhom:

(i) *Warrant* Permanenti ta' Għalliem;

(ii) mill-inqas kwalifika fit-tagħlim rikonoxxuta jew Grad bl-Unuri fl-Edukazzjoni. Jingħata rikonoxximent kif imiss waqt il-proċeduri ta' l-għażla lill-persuni li jkollhom grad ta' *Masters* jew Dottorat fil-qasam ta' l-edukazzjoni;

manage change. In particular, he/she must believe and be committed to having each and every student at the centre of the educational experience, and must be able to sustain and improve the learning experience of all students with their diverse potential and talents. The successful candidate would be one who enjoys providing innovative and creative solutions to meet the challenges being faced and who will empower effective and systemic change. A passion for excellence and high standards is a must.

14. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) be citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c) be in possession of:

(i) a Permanent Teacher's Warrant;

(ii) at least a recognized teaching qualification or an Honours Degree of Bachelor in Education. Due recognition will be given during the selection process to persons in possession of a Masters or a Doctorate degree in the field of education;

d) ikollhom:

(i) il-kwalifiki, ħiliet, attitudni u esperjenza meħtieġa biex ikun jista' effettivament imexxi u jamministra d-DSE. Huwa obbligatorju li l-persuna tkun tifhem sew kif il-kurrikulum, il-programmi edukattivi u s-servizzi jkunu jikkontribwixxu għall-eżitu mtejjeb għall-istudenti kollha;

(ii) esperjenza, inkluż esperjenza fit-tagħlim u f'karigi għolja ta' responsabbiltà fil-qasam ta' l-edukazzjoni;

(iii) ikunu jidentifikaw u jifhmu sew l-isfidi li s-soċjetà u l-ekonomija ta' l-għerf qegħdin jippreżentaw lis-sistemi edukattivi;

(iv) ħiliet qawwija fil-komunikazzjoni u dawk interpersonali, partikolarment fl-oratorija pubblika, kitba ta' rapporti u ICT;

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (l-applikanti li jkunu diġà jinsabu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form(GP47)*; filwaqt li dawk li jkunu qegħdin japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn xi Awtorità kompetenti oħra li ma tkunx iġġib data aktar kmieni minn sitt (6) xhur mid-data meta ssir din is-sejħa għal applikazzjonijiet u jiddikjaraw jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern ta' Malta qabel u jagħtu dettalji).

15. Il-proċedura ta' l-għażla, li tkun tikkonsisti f'intervista intensiva, issir minn bord ta' l-għażla li jiġi approvat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

16. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

17. Is-sottomissjonijiet skond klawsola 16 għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

18.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew

d) have:

(i) the necessary qualifications, skills, attitude and experience to effectively lead and manage the DES. A complete understanding of how the curriculum, educational programmes and services contribute to better outcomes for all students is a must.

(ii) experience, including teaching experience and experience in senior roles of responsibility in the education field;

(iii) sound knowledge and understanding of the challenges that the knowledge society and economy are presenting to educational systems;

(iv) strong communication and interpersonal skills, particularly in public speaking, report-writing and ICT.

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form - GP47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Maltese Government service, giving details).

15. The selection process, in the form of a rigorous interview, will be conducted by a selection board to be approved by the Public Service Commission.

16. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

17. Representations in terms of clause 16 should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and to state why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to Permanent Secretary, Ministry of Education, Youth and Employment and to the NCPD.

18.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately

jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

18.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

18.3 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorita' pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

19. L-applikanti jiġu mgħarrfa bil-posta u b'mezzi elettroniċi dwar jekk ikunux intgħażlu jew le.

20. Petizzjonijiet skond m'hemm fl-Artikolu 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* jistgħu jiġu ppreżentati fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol mid-data meta persuna tiġi notifikata li ma tkunx ġiet magħżula.

21. Kull min għandu interess għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu bil-miktub lis-Segretarju Permanenti, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana, fuq il-formola apposta tal-applikazzjoni. Flimkien ma' l-applikazzjonijiet għandu jkun hemm *curriculum vitae* (li għandu jinkludi lista ta' kwalifiki li l-applikant ikollu) u Skeda tas-Servizz fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi. Id-data ta' l-għeluq sa meta jistgħu jaslu l-applikazzjonijiet hi nofsinhar (*Central European Time*) tat-Tnejn, 20 ta' Awissu, 2007.

22. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti elettroniċi li ġejjin:

http://doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.education.gov.mt

jew jinkisbu mis-sezzjoni tal-*Customer Care*, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana,

23. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax, e-mail* jew xi mezz ieħor sa nofsinhar (*Central European Time*) tat-Tnejn, 20 ta' Awissu, 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal

to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

18.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

18.3 It is the responsibility of applicants in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

19. All applicants will be informed by post and electronic means of whether or not they have been selected.

20. Petitions in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of notification of non-selection.

21. Interested applicants should submit their applications by writing to the Permanent Secretary (Ministry of Education, Youth and Employment) Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, on the appropriate form. Applications should be accompanied by a curriculum vitae (which should include a list of qualifications held by the applicant) and a Schedule of Service in the case of Public Officers. The closing date for the receipt of applications is noon (Central European Time) of Monday, 20th August, 2007.

22. Application forms may be either downloaded from the following websites:

http://doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.education.gov.mt

or obtained from the Customer Care Section, Ministry of Education, Youth and Employment, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana.

23. Applications received from abroad through a fax, e-mail or other means by noon (*Central European Time*) of Monday, 20th August, 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant should be received by Permanent Secretary

għand is-Segretarju Permanenti (Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana, sa mhux iżjed tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq. (In-numru tal-*fax* ta' dan l-uffiċċju hu + 356 25982462 u l-indirizz tal-*e-mail* hu francis.a.borg @gov.mt).

24. Tingħata rċevuta minnufih mis-Segretarju Permanenti (Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol għal kull applikazzjoni li titwassal sal-Ministeru. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tingħata rċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiiet.

L-20 ta' Lulju, 2007

(Ministry of Education, Youth and Employment), Great Siege Road, Floriana, by not later than one week after the closing date. (The fax number of this Office is +356 25982462 and the e-mail address is francis.a.borg@gov.mt).

24. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary (Ministry of Education, Youth and Employment) and a receipt will be given at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. Applications will be acknowledged in writing within seven days.

20th July, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1017

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-30 ta' Marzu 2006 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) Vs Thomas Spiteri (ID 299840M)

Is-soċjetà kummerċjali Maltacom p.l.c. (C22334) ippreżentat rikors fil-11 ta' Jannar 2006 fejn talbet illi l-kawża fl-ismijiet fuq premessi (Avv. Nru. 1127/99PS) li ġiet deċiża minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 1999, l-konvenut ġie kkundannat iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' Lm140.52 mija u erbgħin lira Maltija u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€327.32), bl-imgħax u bl-ispejjeż;

Illi ma' l-imsemmija somma l-konvenut għadu ma ħallas xejn u b'hekk l-ammont huwa tas-sorte fuq indikat, oltre Lm19.70 dsatax-il lira Maltija u sebgħin ċenteżmu (€45.89) spejjeż u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument A kif ukoll Lm80.56 tmenin lira Maltija u sitta u ħamsin ċenteżmu (€187.65) imgħax legali kalkolat bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u għalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm240.78 mitejn u erbgħin lira Maltija u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€560.87) salv kull imgħax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza għaddew aktar minn ħames (5) snin u s-soċjetà esponenti għandha interess illi tipproċedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tiġbor l-ammont lilha dovut.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt illi tagħmel riferenza għall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-

It is hereby notified that by a decree of the Courts of Magistrates (Malta), of 30th March 2007, the publication of the following application which appears hereunder was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Maltacom plc (C22334) Vs Thomas Spiteri (ID99840M)

The commercial company Maltacom p.l.c (C22334) presented an application on the 11th January 2006 whereby it asked that the claim in the names above mentioned (Not No 1127/99PS) decided by the said Court on the 5th November 1999, the defendant was ordered to pay Maltacom plc the sum of Lm140.52 one hundred and forty Maltese liri and fifty two cents (€327.32), with interest and costs.

The amount is still due by the defendant so the amount due is the sum above mentioned, besides Lm19.70 nineteen Maltese liri and seventy cents (€45.89) costs and legal fees as per attached bill of costs marked Document A and also Lm80.56 eighty Maltese liri and fifty six cents (€187.65) legal interest calculated at eight percent (8%) per year from the date of judgement till today, and so the amount due is Lm240.78 two hundred and forty Maltese liri and seventy eight cents (€560.87) saving any further interest till the date of effective payment.

From the date of the sentence more than five (5) years have passed and the applicant has an interest to proceed by means of the opportune warrants togather the amount due to it.

Thus the applicant, whilst reference is made to article 258 et sequitur of the of the Code of Civil Procedure and Orginasation (Cap 12) of the Laws of Malta, prays with

rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha tipproċedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet indikati.

Rikorrenti: Spencer Hill, Marsa

Intimati: Thomas Spiteri, House 2, Antonio u Maria Cumbo, Bini tal-Gvern (Djar), Il-Fgura.

Fil-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta
Maġistrat: Dr Michael Mallia

Maltacom plc Vs Thomas Spiteri

Il-Qorti,

Rat ir-rikors;

Tordna notifika lill-intimat erbat (4) ijiem zmien għar-risposta.

Illum 12 ta' Jannar 2006.

Registru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), illum 19 ta' Lulju 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

respect to this Honorable Court that they be authorized to proceed with the opportune warrants to execute the judgement in the names above mentioned.

Plaintiff: Spencer Hill, Marsa.

Defendants: Thomas Spiteri, House 2, Antonio u Maria Cumbo, Bin ital-Gvern, (Djar), Fgura.

In the Court of Magistrates Malta
Magistrate Dr Michael Mallia

Maltacom plc Vs Thomas Spiteri

The Court,

Saw the application,

Orders that the respondent be notified and has to file a reply within four days.

Today 12th January 2006.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 19th July 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civili Courts and Tribunals

1018

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tad-disgħa ta' Frar 2007 il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta.

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar 2007, fuq talba ta' Dr Luigi A. Sansone noe, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Altawareg Co, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 151/07 GV, fl-ismijiet Dr Luigi A. Sansone noe vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors ippreżentat, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) LL.D. detentur tal-karta tal-identità numru 258269 ittra 'M' bħala mandatarju speċjali ta' Chanel Limited, kumpannija estera ta' nazzjonalità Ingliża reġistrata fir-Reġistru tal-kumpanniji tal-Ingilterra u Wales magħruf bħala Companies House, bin-numru ta' reġistrazzjoni 203669 u b'indirizz ta' 19/21, Old Bond Street, Londra W1

It is hereby notified that by means of a decree of the ninth February 2007, the First Hall Civil Court ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 9th February 2007, following a request of Dr Luigi A. Sansone noe, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent Altawareg Co, in the records of the Sworn Application number 151/07 GV, in the names Dr Luigi A. Sansone noe vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of an Application file in the First Hall Civil Court, in the names Advocate Dr. Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) LL.D. holder of identity card number 258269 letter 'M' as special mandatary of Chanel Limited, a foreign company of English nationality registered in the Register of companies of England and Wales known as Companies House, with registration number 203669 and with the following address 19/21, Old Bond Street, London W1 vs Deputy Curators to

vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Al Tawareg, ta' Airport Street, Benghazi, Libya, fit-8 ta' Frar 2007, ir-rikorrenti l-Avukat Dottor Luigi A. Sansone nomine talab lil dina l-Onorabbli Qorti:

1) tiddikjara li l-Artikoli konsistenti f'nuċċalijiet tax-xemx bi *stickers* u tikketti (*swing tags*) annessi magħhom, liema oġġetti ilkoll jikkontjenu diversi sinjali fosthom il-kelma 'Chanel' u s-sinjal 'CC' partikolari miktubin b'mod prominenti, u li jinsabu preżentement taħt il-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container DVRU 1282956 kontenenti l-imsemmija oġġetti, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi;

2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mill-kanali tal-Kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjetà attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f' kull każ mingħajr ebda kumpens lill u għas-spejjeż tal-konvenuta.

3) tieħu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oggetti, kull miżura oħra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

4) tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attriċi, inklużi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija oġġetti għall-ħażna qabel id-distruzzjoni eventwali tagħhom, tal-transport mill-lok tal-ħażna sal-lok ta' l-eventwali distruzzjoni u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha.

Lista ta' xhieda.

Elenku ta' Dokumenti.

Attur Nomine: Avukat Dottor Luigi A. Sansone, LL.B. (Hons) LL.D. detentur tal-Karta tal-identità numru 258269 ittra 'M' bħala mandatarju speċjali ta' Chanel Limited, kumpannija estera ta' nazzjonalità Ingliża reġistrata fir-Reġistru tal-Kumpanniji tal-Ingilterra u Wales magħruf bħala Companies House, bin-numru ta' Reġistrazzjoni 203669 u b'indirizz reġistrat ta' 19/21, Old Bond Street, Londra W.1.

84, Triq Melita, Valletta VLT 12.

Konvenuta: Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Al Tawareg ta' Airport Street, Benghazi, Libya.

Il-Qorti, Valletta.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u sejjaħ b' dan

represent Al Tawareg of Airport Street, Benghazi, Libya, on the 8th February 2007, the applicant Advocate Dr. Luigi A. Sansone nomine asked this Honourable Court:

1) to declare that the Articles consisting in sunglasses with stickers and labels (swing tags) attached to them, which objects contain various signs amongst which the word 'Chanel' and the sign 'CC' particulary written out prominently, and which are presently under the Comptroller of Customs, after he had suspended the release of Container DVRU 1282956 containing the said objects, contravene the rights of intellectual property of the plaintiff company;

2) to order the Comptroller of Customs to dispose from the said objects outside the chanels of Commerce in such a manner as to preclude any damage to the plaintiff company or order the Comptroller of Customs to destroy those objects, in any case without any compensation to and at the expense of the defendant.

3) to take or order the Comptroller of Customs to take in regard of these objects any other measure that shall have the effect to eventually deprive the defendant of the economic benefits of the transaction;

4) to order that the defendant is to bear all the costs connected with the measures ordered in terms of the second and third demand of the plaintiffs, including those of transport of the said objects for storage before their eventual destruction, of the storage itself, of the transport from the storage place, till the place of eventual destruction and of the destruction itself.

With costs, against the defendant who is summoned so that a reference to her evidence is made.

List of witnesses.

List of Documents.

Plaintiff Nomine: Advocate Dr Luigi A. Sansone, LL.B. (Hons) LL.D. holder of Identity Card number 258269 letter 'M' as special mandatary of Chanel Limited a foreign company domiciled in England registered in the Registry of Companies of England and Wales known as Companies House, with Registration number 203669 and with a registered address of 19/21, Old Bond Street, London W.1.

84, Melita Street, Valletta VLT 12.

Defendant: Deputy Curators to represent Al Tawareg of Airport Street, Benghazi, Libya.

Courts of Justice, Valletta.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summons

lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu , inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef, LL.D. Duttur tal-Ligi.

Illum, 9 ta' Frar 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Lulju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice Joseph R. Micallef, LL.D., Doctor of Laws.

Today, 9th February 2007.

Registry of the Superior Courts, today 19th July 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1019

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tal-20 ta' Novembru 2006, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Pamela Mamo (530682M) u skond digriet mogħti mit-Tribunal fil-5 ta' Lulju 2006 l-isem Pamela Mamo (530682M) ġie mibdul b'Daniela Mamo (ID530682M) ta' Groovy Fashion, 267, Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema, ippreżentat talba fit-23 ta' Mejju 2006 fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Pauline Galdes (ID 262663M) ta' 155, Rudolph Mansions, Triq Rudolfu, Tas-Sliema, sabiex tħallas lill-attriċi s-somma ta' tlieta u għoxrin lira Maltija u tmintax-il ċenteżmu Lm23.18 (€53.99) liema ammont huwa dovut lill-attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (476/06VGD) hija differita għas-27 ta' Settembru 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 19 ta' Lulju 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 20th November 2006, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Pamela Mamo (530682M) and by a decree of this Tribunal given on the 5th July 2006 the name Pamela Mamo (530682M) was changed by Daniela Mamo (ID530682M) of Groovy Fashion, 267, Triq Manwel Dimech, Sliema, filed a claim on the 23rd May 2006 whereby she asked the Tribunal to condemn Pauline Galdes (ID262663M) of 155, Rudolph Mansions, Rudolph Street, Sliema, to pay the plaintiff the sum of twenty three Maltese liri and eighteen cents Lm23.18 (€53.99) which amount is due to the plaintiff.

With costs and interests.

The case (Claim Number 476/06VGD) is put off on the 27th September 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 19th July 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals